# KARLU DARMANIN u ĦAL KIRKOP

*Kitba ta' Dr Horatio Caesar Roger Vella*
*Senior Lecturer fil-Latin u l-Grieg, Università ta' Malta*

Karlu Darmanin twieled l-Isla fit-30 ta' Awissu, 1825, minn Ġużeppi u Marija Cumbo, u mgħammed fil-Bażilika ta' l-Isla l-għada, il-31 ta' Awissu 1825, minn Dun Fortunat Costù. Il-parrinijiet tiegħu keinu Vincenz Cumbo, ħu ommu, u Marija Farrugia, mart Karlu, it-tnejn mill-Belt Valletta.[1] Kien għalhekk li dan l-istatwarju hekk famuż f'Malta[2] kollha kien ġie msejjaħ Karlu, għar-raġel ta' parrinietu. Dan Karlu Farrugia probabilment kien sekond kuġin ta' omm Karlu Darmanin. Nafu fiċ-ċert li l-bużnannu tiegħu, Isidor (alias Teodoru) Cumbo żżewweġ lil Roża Farrugia fil-knisja ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta, fit-8 ta' Jannar, 1736.[3]

Qabel ma nkompli nagħti tagħrif fuq dan Karlu Darmanin, nixtieq ngħid għaliex dan il-persunaġġ jinteressani ħafna. L-ewwelnett, Karlu Darmanin jiġi l-bużbużnannu ta' marti Vivian neè Caruana, miż-Żejtun. Bint Karlu, Franġiska[4], miżżewġa lil Kostantinu Consiglio mill-Isla[5], kellha lil Ġużeppi[6] li żżewweġ lil Verginia Grasso minn Bormla[7], f'Ħal Tarxien[8], u li kellu lil omm Vivian, Mary[9] miżżewġa lil Pawlinu Caruana[10].

It-tieni raġuni għaliex jinteressani Karlu Darmanin hi li jien noqgħod Ħal Kirkop fejn l-ewwel statwa titulari ta' San Leonardu li għandna fil-knisja għamilha propju Karlu Darmanin. Din illum tinsab fis-sagristija, u fuqha nixtieq nitkellem aktar tard. Hu għalhekk, mela, li triq fir-raħal, li tagħti bejn Triq San Pietru u Triq Danny Cremona, kienet imsejħa għal dan l-istatwarju.

Missier u omm Karlu Darmanin, Ġużeppi u Marija Cumbo, iżżewġu fil-knisja ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta, fit-13 ta' Lulju, 1807, peress li Marija Cumbo kienet mill-Belt.[11] Missierha u ommha kienu Mikielanġ u Beatrice Caruana, li żżewġu fil-knisja ta' San Duminku, il-Belt Valletta, fit-23 ta' Ġunju, 1765.[12] Missier u omm Ġużeppi Darmanin kienu Giovanni Marija u Maddalena Durante, mill-Isla, li żżewġu fit-18 ta' Jannar, 1778.[13]

Ħut Karlu Darmanin, li nafu bihom, kienu ftit. Dawn kienu Filippu, li twieled fl-1822, Marija Karmela, li twieldet fl-1824, u Maddalena, li twieldet fl-1829.[14] Nisimgħu ħafna wkoll fuq Ġanni, li kien skultur u li kien jaħdem ma' Karlu u missierhom Ġużeppi, fid-ditta msejħa *Giuseppe Darmanin e Figli*.[15]

Ma nafux eżatt meta u fejn iżżewweġ Karlu Darmanin. Nafu, imma, li l-mara tiegħu kienet Skoċċiża, Anetta Ready, bint John u Eleonora Byrne,[16] u li żżewġu qabel l-1849. Dan nafuh għaliex l-ewwel tarbija tagħhom twieldet f'dik is-sena, l-Isla, fejn kienu joqogħdu, jiġifieri, f'numri 174-176, Triq il-Vitorja.[17] It-tfal tagħhom kienu bosta, u ser insemmihom bid-dati tat-twelid magħhom: Emanuel (1849), Franġisku (1850), Marija Karmela (1851),

Ġużeppi (1853), Cesare (1855), Ġużeppi (mill-ġdid) (1856), Giovanni (1858), Guliermu (1859), Ġerardu (1861), Marija Ġosefa (1863), Maria Vittorja (1864), Franġiska (1865), Enriku (1867), Luċija (1868), Renaldu (1870) u Marija Karmela (mill-ġdid) (1875).[18]



*Dan ir-ritratt bil-kortesija tas-Sinjura Mary Caruana. Il-Kumitat jirringrazzjaha tal-koperazzjoni.*

F'xi żmien minnhom, Karlu Darmanin u martu Annetta marru joqogħdu f'numru 290, Triq il-Kbira, li qabel kienet magħrufa bħala Strada Reale, il-Ħamrun, fejn kellu ħanut. Miet fl-istess dar ta' 84 sena fis-26 ta' Novembru, 1909, b'attakk tal-qalb, fl-10.15 ta' filgħodu, u ġie midfun fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata,[19] f'qabar numru 67 tal-Fratellanza tat-Trinità tal-Ħamrun, peress li kien fratell fiha.[20] Annetta mietet qablu, fit-23 ta' Awissu, 1897, fis-1.30 ta' wara nofsinhar.[21]

Fost il-ħafna statwi li għandna minn Karlu Darmanin, moħħna mill-ewwel jeħodna f'San Gejtanu, il-Ħamrun, jew is-Salvatur, Ħal Lija, fejn ukoll hemm insibu triq imsemmija għalih. Ma ninsewx ukoll statwi oħra famużi ta' Karlu Darmanin, bħal San Ġiljan ta' San Ġiljan, il-biċċa l-kbira tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Mosta, Ġesù fil-Ġetsemani ta' Bormla, il-Madonna tar-Rużarju tal-Mellieħa, tan-Naxxar u taż-Żurrieq, il-Madonna ta' Lourdes tal-Qrendi, il-Madonna tal-Qalb ta' Ġesù ta' Ħ'Attard, u ħafna statwi għat-toroq u pjazez għal żmien il-festi,[22] u l-Kunċizzjoni ta' Ħal Tarxien, li ftit isemmuha bħala ta' Karlu Darmanin.

Fuq din l-istatwa tal-Kunċizzjoni li tinsab fil-knisja ta' Ħal Tarxien, nixtieq ngħid xi ħaġa li ftit jafu biha. Madwar sentejn ilu ġiet imbierka fid-dar tiegħi replika fuq ġebla sħiħa ta' din l-istatwa tal-kartapesta li hemm Ħal Tarxien, kif tidħol, fuq ix-xellug. L-iskultur żgħażugħ tagħha kien is-Sur Aldo Consiglio, li hu l-kuġin ta' marti Vivian, u allura, peress li missieru, Ġużeppi, kien hu Mary, omm Vivian, (it-tnejn ulied Ġużeppi ieħor Consiglio), Karlu Darmanin jiġi wkoll il-bużbużnannu tiegħu. Għażilt lilu bħala skultur kemm għall-kapaċità tiegħu, u kemm biex nuri kemm verament il-bniedem qatt ma jmut kompletament. Mhux ta' b'xejn li l-poeta Ruman Orazju, kiteb fil-famuża poeżija tiegħu, *non omnis moriar* (3.30), li fiha ried juri li iva, il-poeta jmut, imma mhux xogħlu.

Fuq l-istatwa tal-Kunċizzjoni ta' Karlu Darmanin, nixtieq inżid li l-abbozz tagħha għadu jeżisti, u dan kienet wirtitu Mary, omm marti Vivian, mingħand Franġiska Consiglio neè Darmanin, bint Karlu. Dan jinsab fid-dar tagħhom, f'118, Triq il-Kbira, iż-Żejtun.



*L-istatwa ta' San Leonardu minn Karlu Darmanin*

Nagħlaq billi ngħid xi ħaġa fuq l-istatwa ta' San Leonardu li hemm fis-sagristija fil-knisja ta' Ħal Kirkop. Jidher ċar li min ordna l-istatwa l-ġdida li hemm fin-niċċa, ipprova jżomm kemm il-karatteristiċi u kemm il-fattizzi ta' l-istatwa ta' qabel. Id-differenzi li nara, barra l-fatt li l-ġdida hi ta' l-injam u l-qadima hi tal-kartapesta, huma li San Leonardu l-ġdid hu ftit aktar żagħżugħ u serju, waqt li San Leonardu ta' Karlu Darmanin, bħall-istatwi l-oħra tiegħu, juri ċertu moviment, espressa b'dik il-kemmxejn ta' tidwira tal-ġisem lejn il-lemin, waqt li wiċċu hu ftit aktar espressiv. Imma dwar liema statwa hi l-isbaħ, *de gustibus non disputandum est*.

Wieħed ma jafx għaliex din l-istatwa kienet ġiet mibdula. Hi tinsab f'kundizzjoni tajba, 'il fuq mill-mess tan-nies, għalkemm mhux f'niċċa. Huwa tajjeb li din l-istatwa tibqa' mgħożża, kemm għax hija xbieha ta' qaddis kbir, kemm għax hi sabiħa, u kemm għax għamilha Karlu Darmanin. B'xorti tajba għadha fil-knisja tagħna, u jista' jaraha kulħadd. L-awgurju tiegħi hu li fis-sena 2025, 27 sena oħra u mitt sena mit-twelid ta' Karlu Darmanin, noħorġu bil-vara tiegħu.

**Referenzi:**

1 *Liber baptizzatorum*, Senglea, *sub anno*.

2 Joseph C. Camilleri, *Darmanin, Carlo*. F'Michael J. Schiavone u Louis J. Scerri, ed., *Maltese Biographies of the twentieth century*, Malta; Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 1997, *s.v.*, jgħid li *"Darmanin was known as the prince of statuaries"*, u li l-istatwa ta' San Leonardu hija waħda mill-isbaħ erba tiegħu. Qablu, Patri Alessandu Bonnici, *l-Isla*, Parroċċa ta' l-Isla, 1991, 3.163, jirreferi għalih bħala "l-aqwa statwarju tal-kartapesta".

3 *Liber matrimoniorum*, Valletta, Sn Pawl, *sub anno*.

4 Imwielda l-Isla fl-24 ta' Novembru, 1865. Ara *Liber Baptizzatorum*, Senglea, *sub anno*.

5 Imwieled l-Isla fit-22 ta' Settembru, 1855. Ara l-istess, *sub anno*.

6 Imwieled l-Isla fil-31 ta' Jannar, 1897. Ara l-istess, *sub anno*.

7 Imwielda Bormla fil-21 ta' Awissu, 1899. Ara *Liber baptizzatorum*, Cospicua, *sub anno*.

8 Iżżewġu f'Ħal Tarxien fis-26 ta' Ġunju, 1920. Ara *Liber matrimoniorum*, Tarxien, *sub anno*.

9 Imwielda f'Ħal Tarxien fid-9 ta' Novembru, 1921. Ara *Liber baptizzatorum*, Tarxien, *sub anno*.

10 Iżżewġu fil-knisja Mater Boni Consilii, iż-Żejtun, fl-1 ta' Awissu, 1943. Ara *Liber matrimoniorum*, Żejtun, *sub anno*.

11 *Liber matrimoniorum*, Valletta, San Pawl, *sub anno*.

12 *Liber matrimoniorum*, Valletta, Portu Salvu, *sub anno*.

13 *Liber matrimoniorum*, Senglea, *sub anno*.

14 *Libri baptizzatorum*, Senglea, *sub annis*.

15 A. Bonnici, 3.167.

16 *Liber defunctorum*, Ħamrun, 23 ta' Awissu, 1897.

17 A. Bonnici, 3.113.

18 *Libri baptizzatorum*, Senglea, *sub annis*.

19 Il-*Liber defunctorum* tal-Ħamrun ma jġib xejn fuq il-mewt ta' Karlu Darmanin. Imma d-dettalji ta' mewtu ġibthom mir-Reġistru Pubbliku, Valletta, *Liber defunctorum, sub anno*.

20 A. Bonnici, 3.200.

21 *Liber defunctorum*, Ħamrun, *sub anno*.

22 Joseph C. Camilleri, *s.v. "Darmanin, Carlo"*.